SANNAT

Minuti tas-sitt laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 4 ta' Ġunju 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Frances Galea |
| | Joseph Bajada |
| | Maria Cassar Sultana |
| | Margaret Said |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza dwar l-attivitajiet tas-sajf 2013.

**Item 1 Ħarġa Kulturali f'Malta**

70 Il-Kunsill qabel li ssir ħarġa kulturali f'Malta nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2013. Il-Kunsillier Margaret Said li hi responsabli mill-anzjani għandha tieħu ħsieb din il-ħarġa.

**Item 2. Mgarr ix-Xini Festival**

71 Il-Kunsill ġie avviċinat mil-Gozo Beach Boys li jixtiequ jagħmlu festival ta' kant fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini fil-għaxija fil-15 ta' Gunju 2013. Huma talbu l-permess tal-Kunsill sabiex issir din l-attivita' u ser joffru donazzjoni lill-Kunsill. Huma għandhom iġibu l-permess tal-pulizija, jipprovdu mobile toilets, iżommu l-bajja nadifa u jidħlu responsabbli għal kull ħsara li jsir waqt din l-attivita'. In-nies ta' Sannat ser jingħataw discount fil-prezz tal-biljett li jinxtara mill-Kunsill Lokali ta' Sannat. It-triq għandha tingħalaq fil-4.00 p.m. u jiġi provdut transport mill-bidu ta' Triq Mgarr ix-Xini sabiex jiġi evita l-konġestjoni tat-traffiku fil-bajja.

**Item 3. Attivita' fil-ġimgħa tal-Festa.**

72 L-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2013 għandhom jinġiebu George u Pawlu biex jagħmlu comic show fil-Pjazza Santa Margarita meta jkun hemm l-ikla tradizzjonali tar-raħal.

**Item 4. Logħob Mingħajr Konfini**

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

73 Il-Kunsill għandu l-ħsieb li din is-sena jerġa isir il-Logħob Mingħajr Konfini. Din l-attivita' għandu jieħu ħsiebha Joe Bajada, il-Kunsillier responsabli mill-Sports. Data tal-attivita għandha titħabbar iktar tard.

**Item 5. First Aid Course**

74 Il-Kunsillier Maria Cassar Sultana pproponiet li jsir Kors tal-First Aid fis-sajf. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-kors. Is-Sindku nforma lil Maria Cassar Sultana li kienet ser tieħu l-attivita' f'idejha li dan il-kors ser tieħu ħsiebu l-Viċi Sindku għaliex dan jaqa' taħt d-dikasteru tagħha.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535